IL-MALTI
QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* SETTEMBRU 1948

# *INKUNU RGIEL*

*L-AQWA virtù li biha titwettaq il-ħajja ta' għaqda jew xirka letterarja, barra mill-istudju u l-ħidma fil-għalqa tagħha, hija dik tal-ħsieb safi, ftehim u għajnuna xilxiena tal-membri tagħha. Din il-karatteristika tfisser, biex ingħid hekk, il-weghda, li jagħmel kull membru bejnu u bejn ruħu meta jingħaqad ma' kull xirka jew għaqda bħal din.*

*Il-ġrajja ta' għaqdiet u ixirka oħra jgħallmuna illi mhux darba u tnejn li għaqda jew xirka nħallet u nqerdet meta fost il-membri tagħha ma kienx hemm il-ħsieb safi li wieħed jaħdem mingħajr ma joqgħod iqis li jaqdi biss l-interessi tiegħu personali, jiġifieri meta fin-nofs kien hemm taħkem l-ambizzjoni personali, il-għira li xi minn daqqiet qanqlet tmaqdir bla ħaqq u kritika velenuża—il-għawi u l-ħidma minn taħt bil-ħsieb li jgħinu l-għedewwa ta' l-istess xirka. Nies bħal dawn f'għaqda jew xirka jistgħu xejn inqas jagħmlu dik il-ħsara li politikament kienu għamlu l-Krumiri ta' l-1880 u l-*quislings *tal-bieraħ. Membru li jħammeġ idejh bil-linka ta' pinna miblula bis-semm, barra milli jbaxxi l-karattru tiegħu fil-għajn tan-nies, ikasbar ukoll ġiehu bħala kittieb.*

* * *

*Jisgħobbina nistqarru illi aktar ma l-Għaqda miexja 'l quddiem u ż-żgħażagħ, barra mill-ħeġġa, qed juru l-ħila tagħhom f'kull fergħa ta' xogħlijiet letterarji, ibda mill-proża novelliera sal-proża drammatika, mill-poeżija lirika u ċajtiera sal-poeżija leġġendarja, epika, eċċ., iktar qiegħda tidher f'xi wħud id-ħrawwa ta' tfantis newrotiku li tinfexx f'rappresalji ġornalistiċi għax forsi jkun dehrilhom illi f'arbitraġġ letterarju xogħlhom ma kienx stmat skond il-ħaqq u għalhekk jaħsbu li fl-ambizzjoni letterarja tagħhom huma ħadu daqqa ta' ħarta, u li l-ħila tagħhom, fejn ta' oħrajn li sebquhom, hija ogħla u għalhekk tistħoqq ġudizzju aħjar.*

*F'tellieqa letterarja hemm it-tellieqa u hemm ir-rebbieħa; hemm lil min il-kriterju ta' ġurija ma tagħtih ebda mertu u lil min tagħtih mertu inqas minn ħaddieħor, fil-waqt li min itellaq*

*jidhirlu li ma kellux jitlef jew li l-mertu tiegħu huwa ogħla minn ta' ħaddieħor. Iżda, hu xinhu l-kriterju ta' ġurija, għad-dixxiplina, li mingħajrha ebda idea ta' konkors letterarju ma jista' jseħħ, jeħtieġ li min jidħol biex jikkonkorri għandu, fuq il-verdett ta' ġurija, ibaxxi rasu u mhux jippolemizza. Il-polemizzar, f'ħaġa bħal din, huwa kontra l-etiketta kavallereska tal-kittieb, u, il-kritika tiegħu, għalkemm jista' jkollha l-pontijiet tagħha tajbin, tagħmel għajb lilu nnifsu u ħsara lill-progress tal-letteratura.*

*Konkorrent, meta jidħol għall-kontestazzjoni, ikun wiegħed li għandu joqgħod għall-kriterju tal-ġurija jew aħjar tan-nies li jiffurmaw il-ġurija li għandha tiġġudikah; jekk ma jidhirlux li jagħmel hekk, aħjar ma jikkonkorrix. Hu ma għandu ebda jedd joħloq fil-kriterju tiegħu stess (fejn il-kunċett tiegħu stess jista' iktarx jagħmih) ġurija oħra li tiġġudika lilu nnifsu biex twaqqa' lil dik, li l-ħsieb tagħha bħala regula huwa li taqdi, bla ma tħares lejn wiċċ ħadd, id-dmir tagħha fl-interess kollettiv għall-progress tal-letteratura.*

*U bħalma f'għaqda jista', bħalma għedna, membru jagħmel ħsara lill-istess għaqda jew xirka bil-kritika tiegħu velenuża jew bil-għawi għal skopijiet ta' ambizzjoni jew għira, hekk ukoll konkorrent jista' jagħmel l-istess ħsara u jmewwet il-ħrara ta' dawk li jixtiequ, bi proġetti ta' konkorsi letterarji, imexxu 'l quddiem il-Malti fil-letteratura tiegħu.*

*Għalhekk inkunu rġiel u mhux tfal fil-għemil tagħna bħala membri tal-Għaqda u bħala kittieba meta nieħdu sehem f'konkors.*

---